MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2013

Mandat Numru. 1865/2012/1

**Edwin Zarb (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 874645 (M) u martu Emanuela sive Lilian Zarb (detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 567944 (M))**

**vs**

**Gilbert Paul Spiteri, iben Carmel sive Charles Spiteri u Mary nee Borg, imwieled il-Pieta` u residenti l-Imsida, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 34084 (M) u Edwin Zarb (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 874645 (M) u martu Emanuela sive Lilian Zarb (detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 567944 (M)**

Il-Qorti,

Rat il-mandat *de quo* rikjest fuq indikat datat il-11 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esprimew is-segwenti bil-ghan li jikkawtelaw id-drittijiet taghhom skont il-ligi minnhom hemm riferiti, senjatament:

1. Illi l-intimati jinzammu milli jbieghu, inehhu, jitrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz, sew gratuwitu, il-fond jew parti mill-fond enumerat numru sitta, (6), fi blokk t'appartamenti numru disgha u disghin, (99), fi Triq il-Mosta, Santa Venera, sovrappost l-appartament numru tnejn, (2), proprjeta` ta' Raymond Bonello u martu Giuseppa sive Joyce Bonello, u in parti sottopost ghal "*penthouse*" numru sebgha, (7), proprjeta` ta' Leanne Spiteri u Anthony Hawkins, u *in parte* mhux sottoposta ghal ebda proprjeta` ta' terzi;

2. Illi f'kaz li jsir xi trasferiment mill-intimati, ir-rikorrenti ma jkunux jistghu jezercitaw id-drittijiet taghhom kif kontenuti fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 856/10 tat-22 ta' Lulju, 2011, fl-ismijiet Zarb et vs Spiteri et, (ara fol 7), liema sentenza hi prezentement sottoposta ghall-appell;

3. Illi s-sentenza ndikata fil-paragrafu precedenti tirrigwarda spoll u li allura hi ta' natura personali fejn fil-kaz ta' ezitu posittiv fl-appell, ir-rikorrenti jkunu jistghu jenforzawha biss kemm –il darba l-intimati jibqghu l-proprjetarji tal-fond meritu ta' din il-procedura u tal-imsemmija azzjoni ta' spoll prezentement *sub judice*;

4. Illi f'kaz li l-intimati ma jigux inibiti kif mitlub, ir-rikorrenti ma jkunux jistghu jinfurzaw id-drittijiet taghhom kif postulati fis-sentenza fuq riferita;

5. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti allura qed jitolbu l-hrug tal-mandat t'inibizzjoni biex l-intimati jinzammu milli jippregudikaw irrimedjabbilment id-drittijiet tal-istess rikorrenti;

Rat id-digriet provizorju taghha datat il-11 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrenti, u filwaqt li ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontroparti ghar-risposta skont il-ligi fiz-zmien hemm indikat, u appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm ukoll indikata;

Rat id-dokument anness mal-istess rikors promotur;

Rat ir-risposta tal-intimati datata s-17 ta’ Dicembru, 2012, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi l-mandat in dizamina ma jistax jigi akkolt stante li t-trasferiment *de quo* sar skont kuntratt datat it-8 ta’ Novembru, 2012, in atti tan-Nutar indikat fl-istess risposta;

2. Illi stante l-imsemmi kuntratt ta’ trasferiment minn Gilbert Paul Spiteri ghal Chantelle Testa, allura l-ebda mandat t’inibizzjoni ma jista’ jinhareg kontra l-intimat Spiteri fuq riferit, stante li llum mhux sid tal-fond in dizamina;

3. Illi stante li effettivament il-vertenza proprja in dizamina tikkoncerna “kanna ta’ ilma ta’ tank”, it-talba tar-rikorenti hi ezagerata u t-talba ghall-mandat t’inibizzjoni hi sproporzjonata, kapriccuza u frivola;

4. Illi *di piu`* hemm ukoll procedura ohra pendenti bejn il-partijiet naxxenti mill-istess vertenza hawn in dizamina;

5. Illi konsegwentement, it-talba odjerna tar-rikorrenti mhix gusta;

Rat ukoll il-kuntratt fuq riferit anness mal-istess risposta tal-intimati fuq indikata;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat it-18 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-effetti tal-mandat *de*

*quo* fil-konfront tal-intimat Spiteri stante li m’ghandux aktar interess guridiku fil-procedura odjerna;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm verament *prima facie* l-vertenza odjerna tista’ tigi kkonsidrata bhala wahda *de minimis* kif sostenut mill-intimata pero` xorta rrizulta li l-istess meritu spiccolu riferit mill-istess intimati ta’ lok ghal diversi proceduri legali kopjuzi;

Illi minn analizi skont il-ligi in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti sabu ruhhom aggrediti fil-pacifiku pussess tal-proprjeta` taghhom meta l-intimata ghamlet:

“ … xoghlijiet konsistenti fi tqaccit tal-komunikazzjonijiet tal-ilma ghat-tank tal-atturi u ghaddew kanen minn ma’ hajt li jaghti fuq il-proprjeta` tal-atturi; (ara sentenza fuq riferita a fol 10);

2. Illi ghalhekk din tammonta ghal agressjoni gratuwita leziva il-pacifiku pussess li kull proprjetarju ghandu d-dritt li jgawdi f’socjeta` civili – prepotenza li din il-qorti qatt ma tista’ tittollera – gejja minn fejn hi gejja;

3. Illi ghalhekk, l-allegazzjoni tal-lezjoni *de minimis* ma tissodisfax lil din il-qorti, stante li kull aggressjoni gratuwita leziva d-drittijiet ta’ terzi ma tistax u m’ghandha qatt tigi avallata kurjalment;

4. Illi di piu`, l-argument sollevat mill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti li l-istitut ta’ spoll hu dritt personali li jigi rez inutili kemm –il darba l-fond *de quo* jigi mibjugh mill-intimata lil terzi, hu wiehed attwali li jippregudika irrimedjabbilment id-drittijiet tar-rikorrenti, u li ghalhekk jimmerita s-sostenn ta’ din il-qorti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimata Chantelle Testa, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Edwin u Emanuela sive Lilian, konjugi Zarb, u konsegwentement tordna l-hrug tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub kontra l-istess intimata Testa, bl-ispejjez kontra l-istess intimata.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------